MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 488/2008

**Raymond McKay (I.D. 394261 M)**

**u**

**martu Maria Nikolina McKay (I.D. 179767 M)**

**vs**

**Maria Concetta Vella u b'digriet tal-25 ta' Marzu, 2009, gie kjamat in kawza Sheldon McKay u b'digriet datat l-14 ta'**

**Dicembru, 2011, gew legittimati in atti f'isem John Mary,**

**Joseph Mary u John ahwa Vella**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-13 ta' Mejju, 2008, li permezz tieghu, ir-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi l-intimata kienet il-proprjetarja tal-fond 136, Triq il-Kbira, Birkirkara;

1.2 Illi iben r-rikorrenti, Sheldon, kien gharus man-neputija ta' l-intimata, Alison Vella, bl-intendiment li jizzewgu u jistabilixxu r-residenza taghhom fil-fond indikat fil-paragrafu precedenti;

1.3 Illi konsegwenza tal-istess hsieb ir-rikorrenti Raymond McKay ezegwixxa diversi xogholijiet fl-imsemmija residenza;

1.4 Illi l-gherusija ta' l-imsemmija Sheldon u Alison thassret u giet terminata;

1.5 Illi r-rikorrenti li ippresta l-*"mano d'opera"* tieghu fl-imsemmi fond qatt ma thallas ta' xogholu;

1.6 Illi rizultat tat-thassir tal-imsemmija gherusija, il-*mano d'opera* in dizamina ma kienitx ser tigi gawduta minn ibnu Sheldon;

1.7 Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed jippretedu li jkunu kompensati ghall-istess;

1.8 Illi l-*mano d'opera* involuta tammonta ghal tlettax -il elf mitejn u sebgha u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu, (€13,277.43);

1.9 Illi ghalkemm interpellata l-intimata baqghet inadempjenti;

1.10 Illi ghalhekk ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddikjara li r-rikorrenti Raymond McKay ezegwixxa x-xoghol in dizamina fil-fond fuq riferit u li tieghu baqa` ma thallasx;

1.10.2. Tiddikjara li l-valur tax-xoghol *de quo* jammonta ghal tlettax -il elf mitejn sebgha u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu, (€13,277.43), okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

1.10.3. Tikkundanna lill-intimata biex thallas lir-rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu precedenti konsistenti fi prezz ta' xoghol ta' *mano d'opera* ezegwit mir-rikorrenti Raymond McKay fil-fond proprjeta` tal-intimata;

1.10.4. Bl-ispejjez kif dedotti mir-rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat ir-risposta guramentata tal-intimata datata l-4 ta' Gunju, 2008, li permezz taghha sintetikament wiegbet bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi x-xogholijiet involuti saru fuq l-inkarigu specifiku ta' iben l-istess rikorrenti;

2.3. Illi l-intimata kienet estranea ghall-istess struzzjonijiet;

2.4. Illi l-hlas pretiz mir-rikorrenti, *se mai*, ghandu jigi minn binhom Sheldon;

2.5. Illi ghalhekk ghandu jigi kjamat in kawza ibnu ir-rikorrenti Sheldon McKay;

2.6. Illi *in oltre*, l-ammont pretiz mir-rikorrenti hu eccessiv u ma jirriflettix ix-xogholijiet li saru fl-imsemmi fond;

2.7. Illi *di piu`* ix-xoghol *de quo* ma sarx skont is-sengha u l-arti;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-25 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentant legali ta' l-intimata, ordnat il-kjamata in kawza tal-imsemmi Sheldon McKay u li dan jigi notifikat bir-rikors guramentat promotur, (ara foll 11);

4. Rat id-digriet taghha datat l-10 ta' Novembru, 2011, li ghar-ragunijiet hemm indikati irrevokat *contrario imperio* id-digriet precedenti, (dak koncernanti l-kjamata in kawza), u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, (ara foll 21);

5. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Dicembru, 2011, fejn a bazi tar-rikors tas-7 ta' Dicembru, 2011, ordnat li ssir il-legittimazzjoni tal-atti kif rikjest, (ara foll 23);

6. Ezaminat ix-xhieda prodotta;

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentant legali tal-intimata – dawk tar-rikorrenti ghazlu li ma jkunux prezenti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-fatti tal-vertenza odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

8.1. Illi l-problema odjerna hi naxxenti mir-relazzjoni li kienet tezisti bejn Sheldon McKay, iben ir-rikorrenti, u Alison Vella, in-neputija tal-intimata li issa ghaddiet ghall-hajja ahjar fl-2009;

8.2. Illi jidher li r-relazzjoni bejn l-imsemmija Sheldon u Alison li bdiet fl-1 ta' Jannar, 2006, iffjorixxiet u bdew jahsbu biex jaraw fejn ser jirrisjedu;

8.3. Illi pero` f'dan ir-rigward John Mary Vella, missier Alison, jsostni li dan Sheldon kien mill-ewwel ghazel li jmur joqghod ghand l-intimata Maria Concetta;

8.4. Illi l-imsemmija residenza ma fihiex aktar minn sitt (6) ikmamar u kienet wahda antika;

8.5. Illi l-imsemmija Maria Concetta – in-nanna ta' Alison – infurmat lill-gharajjes zaghzagh li kienet lesta taccetthom;

8.6. Illi wara tali decizjoni, l-istess Sheldon beda jirranga d-dar u Maria Concetta u Alison fuq gia` indikati, kienu jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez, (ara foll 70), ghalkemm l-istess Sheldon isostni bil-gurament tieghu li dan ma kienx minnhu, (ara foll 62);

8.7. Illi iben l-intimata, John Mary Vella, jsostni li l-bicca l-kbira tal-materjal uzat kien imhallas mill-mama` tieghu, Maria Concetta Vella, u minn bintu Alison, (ara foll 70);

8.8. Illi l-istess John Mary Vella, iben l-intimata u missier Alison protagonisti odjerni, isostni bil-gurament tieghu li l-istess ommu kienet qaltlu li "ma kienitx awtorizzat lil Sheldon u Alison biex jaghmlu x-xogholijiet in kwistjoni", (ara foll 71);

8.9. Illi jidher li kull m'awtorizzat lil Sheldon jaghmel meta ghazel li jmur jabita ma' Alison fir-residenza in dizamina kien li "jaghti xi tibjida meta jasal iz-zmien taz-zwieg", (ara foll 71);

8.10. Illi jidher li rizultat tax-xogholijiet istitwiti l-istess Maria Concetta "... kwazi qabadha *depression*", (ara foll 71);

Ikkunsidrat:

9. Illi minn ezami dettaljat tal-versjonijiet fornuti mill-protagonisti illum antagonisti jirrizulta li kemm missier Alison u n-nanna taghha spiccaw jissubixxu l-irruenza ta' Sheldon McKay li ma riedx jabita f'fond antik minghajr ma jkollu l-beneficcju ta' facilitajiet moderni;

10. Illi rizultat tal-istess, l-imsemmija sid tal-fond in dizamina, ma' jirrizultax esplicitament assodat li kienet tat il-*fiat* taghha biex jigu ezegwiti ix-xogholijiet li eventwalment saru, izda jirrizulta minflok li kellha xorta wahda tissubihom biex tikkuntenta lin-neputija Alison u lill-gharus taghha;

11. Illi kull ma jirrizulta debitament assodat skont il-ligi hu li l-imsemmija Maria Concetta kienet disposta biss li tittollera l-ingerenza ta' tibjida tal-post fiz-zmien propizju ta' qabel iz-zwieg tal-istess protogonisti – liema zmien qatt ma wasal stante li l-gherusija in dizamina thassret qabel ma dan seta` javvera ruhhu;

Ikkunsidrat:

12. Illi rizultat tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li x-xogholijiet li setghu gew effettwati gew effettwati unilateralment fuq struzzjonijiet ta' l-imsemmija Sheldon u Alison bhala l-beneficjarji

principali li l-imsemmija intimata Maria Concetta kellha tissubixxi fis-silenzju biex ma taqlax inkwiet;

13. Illi minn ezami akkurat tax-xhieda prodotta ma' jirrizultax debitament ipprovat skont il-ligi li x-xogholijiet in dizamina gew ezegwiti fuq struzzjonijiet espliciti tal-istess Maria Concetta li kontriha biss giet originarjament indirrizzata l-procedura odjerna;

**DECIDE:**

14.0. Illi konsegwenza tal-istess din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement:

14.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Raymond u Maria Nicolina McKay;

14.2. Takkolji r-risposta ta' l-intimata Maria Concetta Vella kif sussegwentement sostitwita;

14.3. Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti fuq indikati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------